# QORTI TA' L-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. JOSEPH SAID PULLICINO B.A.(HONS.), LL.D. - PRESIDENT**
**ONOR. JOSEPH D. CAMILLERI B.A., LL.D.**
**ONOR. NOEL ARRIGO LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 5 ta' Ottubru, 2001.**

**Numru 1**

**Citaz. numru 1322/91 JF**

**Paul Farrugia**

**vs**

**Emmanuel Bonello bhala Kontrollur tal-B.I.C.A.L. (Bank of Industry, Commerce & Agriculture) u b'digriet tas-6 ta' April 1992 gew kjamati fil-[kawza Henry u Cecil Pace.**

**Il-Qorti;**

**<u>IS-SENTENZA APPELLATA</u>**

Fid-9 ta' Novembru 1993, l-allura Qorti tal-Kummerc ippronunzjat is-segwenti sentenza f'kawza maghmula mill-attur kontra l-Kontrollur tal-Bank of Industry, Commerce and Agriculture Limited (B.I.C.A.L.),

f'liema kawza gew eventwalment kjamati l-ahwa Henry u Cecil Pace personalment :-

"Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni tal-attur li biha hemm premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni.

Premess illi fis-26 ta' Dicembru 1972 huwa ddepozita s-somma ta' elf lira Maltin mal-Bank konvenut izda l-Manager ta' dan il-Bank, Cecil Pace, rrilaxxjalu kambjala ta' elf u sebghin lira Maltin li ghalqet fl-20 ta' Lulju 1973.

Premess illi ghalkemm giet rilaxxjata kambjala ffirmata minn Cecil Pace personalment, fil-fatt l-attur haseb li kien qed jinvesti flusu f'depozitu mal-Bank.

Premess illi l-kreditu tal-attur ma giex registrat bhala depozitu fil-Bank.

Talab li jghid il-konvenuti nomine ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:-

1. Tiddikjara li d-depozitu li ghamel l-attur fis-26 ta' Dicembru 1972 kien depozitu mal-Bank konvenut.

2. Tikkundanna lill-istess konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' elf lira (Lm1000).

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittri ufficjali tal-24 ta' Lulju 14984 u tal-21 ta' Marzu 1991 u bl-imghaxijiet mis-26 ta' Dicembru 1972 sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Emanuel Bonello nomine li biha eccepixxa :-

1. Illi d-domandi attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez stante li l-ammont reklamat mhux passiv mal-Bank u li gara huwa li d-direttur tal-Bank ghamel in-negozju mal-attur biss u mhux f'isem il-Bank of Industry, Commerce and Agriculture Limited. Infatti nharget il-kambjala msemmija fic-citazzjoni u ghalhekk, se mai, ghandu jigi kjamat-in-kawza, jekk l-attur jidhirlu li huwa l-kaz, Cecil Pace.

2. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-kjamati-in-kawza tal-ahwa Henry u Cecil Pace fejn biha eccepew :-

1. In-nullita’ tac-citazzjoni stante li l-paragrafi fid-dikjarazzjoni tal-attur ma humiex enumerati skond il-ligi u senjatament skond l-Artikolu 156 (4).

2. Il-preskrizzjoni kwinkwennali ghat-termini tal-paragrafi (d), (e) u (f) tal-Artikolu 2156 tal-Kodici Civili (Kap. 16) u tal-Artikolu 542 tal-Kodici tal-Kummerc (Kap. 13).

3. Illi fil-konfront tal-attur, huma m’ghandhomx ir-rapprezentanza guridika tal-Bank of Industry, Commerce and Agriculture Limited, li hija vestita fil-kontrollur Emanuel Bonello.

4. Illi minghajr pregudizzju s-self in kwistjoni kien transazzjoni personali bejn l-attur u l-konvenut Cecil Pace personalment, kif jidher ukoll car mill-kambjala personali, u ghalhekk dan id-debitu mhux passiv tal-Bank of Industry, Commerce and Agriculture Limited.

5. Sussidjarjament u bla pregudizzju ghall-premess hemm difetti serji fil-forma tat-talbiet attrici li rrenduhom insostenibbli u/jew nulli u minghajr effett skond il-ligi u ma jistghux jigu proposti validament kontra l-konvenuti f’din il-kawza bil-mod kif proposti.

6. Illi t-talbiet attrici kontra l-konvenuti ma jistghu qatt jigu milqugha fuq il-premessi dedotti fic-citazzjoni u huma neqsin mill-premessi mehtiega fil-ligi.

7. Illi l-eccipjenti ghandhom jigu liberati peress illi t-talbiet attrici ma jregghux fir-rigward taghhom.

8. Illi fi kwalunkwe kaz it-talbiet tal-attur huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.

9. Illi l-attur specifikatament ftiehem mal-konvenut Cecil Pace biex isir self personali lilu ghaliex l-attur ma ridhomx jidhru ghall-finijiet tat-taxxa u insista ghal imghax oghla minn dik bankarja.

10. Illi l-attur ma seta’ qatt iddepozita s-somma ta’ elf lira mal-Bank imsemmi fis-26 ta’ Dicembru 1972 stante li l-Bank gie sospiz fil-25 ta’ Novembru 1972.

11. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjonijiet tal-kontendenti, l-listi tax-xhieda taghhom flimkien mad-dokumenti li gew esebiti.

Semghet lix-xhieda prodotta.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Trattata l-kawza.

Ikkunsidrat li l-attur u huh Carmelo Farrugia xehdu fis-sens li huma gew imhajrin minn certu Anthony Catania, allura impjegat mal-Bank of Industry, Commerce and Agriculture (B.I.C.A.L.) dak iz-zmien immexxi mill-konvenuti Cecil u Henry ahwa Pace, biex jaghmlu depozitu ta' flus mal-imsemmi Bank. L-attur xehed li huwa qatt ma halla flus depozitati qabel dakinhar f'banek peress illi bhala negozjant kien normalment jippreferi li jhaddem flusu fin-negozju. Fil-fatt l-attur halla kollox f'idejn huh li ghas-somma ta' elf lira Maltin li kellu f'mohhu jiddepozita gablu kambjala – ara Dok ABC a fol. 33 A tal-process iffirmata mill-konvenut Cecil Pace biss ghas-somma ta' Lm1070, liema somma kellha tithallas lura fl-20 ta' Lulju 1973.

Il-Qorti kellha diversi okkazjonijiet precedenti fejn esprimiet ruhha f'decizjonijiet li jirrigwardjaw depoziti li saru min-nies fil-B.I.C.A.L. Kien hemm okkazjonijiet meta accetta l-premessa li d-depozitant kien qieghed jaghmel depozitu mal-B.I.C.A.L. u allura kien intitolat li jiehu flusu lura ghal xi trattava ta' atti fradolenti prattikati mill-ahwa Pace u kien hemm okkazjonijiet ohrajn fejn, minhabba certi cirkostanzi partikolari, ddecidiet li ma kienx hemm kaz a favur tad-depozitanti.

Jekk wiehed imqar jaghti daqqa t'ghajn lid-dokumenti li a bazi tieghu saret ic-citazzjoni, jintebah mill-ewwel li hawn si trattava ta' kambjala "pure e semplice". Kien hemm kazijiet ohra koncernanti rilaxx ta' ktieb tal-Bank B.I.C.A.L. jew ta' certifikat tal-Bank jew ta' lanqas "cheque" intestat u mahrug fuq dan il-Bank B.I.C.A.L. li facilment allura jinduci persuna li tkun qeghda tigi mqarrqa biex temmen li flusha kienu depozitanti mal-B.I.C.A.L. Bank u mhux allura xi transazzjoni personali bejn id-depozitant u l-ahwa Pace.

Huwa minnu li hu l-attur kien gie indott minn persuna li tahdem mal-Bank biex tmur tkellem direttament lis-Sur Cecil Pace u hekk sar. Pero' jibqa' l-fatt li l-Bank "ut sic" ma hareg ebda dokument illi b'xi mod jikkommetti minimament id-depozitu li sar mill-attur u dan l-istess Bank ma jistax jigi ritenut li l-attur agixxa bhala "bonus pater familias" meta xehed, nghidu ahna, dana li gej ; - ara xhieda tad-19 ta' Jannar 1993 – fol. 24 :-

"(Is-Sur Cecil Pace) kien klijent taghna. Qatt ma gie diskors fuq Bank u mhux Bank mas-Sur Cecil Pace. Sal-lum jiena qatt ma kelli diskors mas-Sur Cecil Pace. Naf li hija gabli ricevuta ta' elf lira (Lm1000) li kien iddepozitahom il-Bank, pero' jiena ma nafx naqra, u l-karta zammejtha ghandi ………"

Mhux agir responsabbi li thalli kollox f'idejn haddiehor u lanqas biss tindenja tistaqsi xi tfisser kambjala. Anki, sahansitra, meta ghalaq il-Bank, madwar ghoxrin sena ilu, l-attur jghid li hu personalment ma ha ebda passi, hlief li halla f'idejn huh. Lanqas jaghmel sens dak li xehed in kontro-ezami li huwa lanqas biss ta kaz tar-rata ta' interessi, ghax halla kollox f'idejn huh. Anki Carmelo Farrugia, hu l-attur xehed li l-flus ghaddiehor direttament lil Cecil Pace li ghamillu ricevuta. Skond Carmelo Farrugia aktar tard din ir-ricevuta giet mibdula f'kambjala meta huwa, u mhux l-attur, kien thajjar jigbed flusu lura. Dan ix-xhud allura jaghti l-impressjoni li l-ircevuti kienu jew kellhom x'jindikaw li kienu emersi mill-Bank pero' sorprendentament, dan ix-xhud (ara fol. 30 l-ahhar tlett linji) jghid hekk :-

"L-ewwel ircevuti li kien tani s-Sur Cecil Pace kienu simili ghal dak li hemm esebita fil-process. Jien nghidlek li kienu bhalhom u jidhirli l-ammont kien l-istess. Is-Sur Cecil Pace ma qaghadx jispjegali l-ghala kien se jibdel il-karti, avolja kien ghalaq il-Bank kien qalli li flok cheques kien se jaghtini dawn iz-zewg dokumenti, kien qalli biex ghalissa nzomm dawk il-karti u meta jirrangaw kollox niehu flusi."

Kien fl-interess suprem tad-depozitant li jistaqsi ezattament x'kien l-import tal-kambjala. Minn dana kollux hu l-attur m'ghamel xejn, u wisq anqas l-attur.

Haga naturali li l-Bank konvenut ma kellu xejn registrat fil-kotba tieghu dwar is-somma reklamata mill-attur ghax, kif diga' inghad, si trattava ta' hrug ta' kambjali mill-konvenut Cecil Pace versu l-attur u xejn izjed minn dan. Il-konvenut Cecil Pace inoltre fost sensiela twila ta' eccezzjonijiet u pseudo-eccezzjonijiet issolleva dik tal-preskrizzjoni kwinkwenali ai termini tal-artikolu 2156(d) (e) (f) tal-Kodici Civili u l-artikolu 542 tal-Kodici tal-Kummerc. Il-kambjala kellha tigi onorata fl-20 ta' Lulju 1973. Din ic-citazzjoni giet pprezentata fit-13 ta' Novembru 1991 kontra l-kontrollur tal-Bank u fuq il-konvenut Cecil Pace fis-27 ta' April 1992 – kwazi 19-il sena wara. <u>Ex-admissis</u>, l-attur jghid li huwa ma hax aktar passi gudizzjarji fil-frattemp kontra Cecil u Henry Pace. Ghalhekk f'kull kaz l-azzjoni tieghu tirrizulta preskritta in kwantu diretta kontra l-konvenuti ahwa Pace.

> Ghal dawn ir-ragunijiet :-
>
> Tiddeciedi billi filwaqt li tilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenut Emanuel Bonello nomine u t-tieni eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-konvenuti Cecil u Henry Pace, tichad ghalhekk it-talbiet kollha attrici bl-ispejjez tal-kawza kontra tieghu."

Minn din is-sentenza appella l-attur b'rikors li fih talab ir-revoka taghha u li din il-Qorti tilqa' t-talbiet tieghu kemm kontra l-konvenut kif ukoll kontra l-kjamati fil-kawza, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra taghhom. Hu appella mill-mertu imma sussidjarjament u bla pregudizzju appella wkoll mill-kap tal-ispejjez.

**L-APPELL FIL-MERTU**

Il-Qorti qieset l-aggravju attentament u stabbiliet illi certament dan kien limitat ghall-kritika dwar l-apprezzament tal-provi li ghamlet l-ewwel Qorti.  Infatti l-istess appellant jibda bl-ammissjoni illi hu stess kien messu qaghad aktar attent li jassigura li jinghatalu dokument li jfisser li kellu flusu depozitati mal-Bank konvenut pero' jsostni illi hu kien gie bhal hafna nies ohra f'sitwazzjonijiet simili ingannat minn nies li kienu qeghdin imexxu l-B.I.C.A.L.  Isostni illi qatt ma kellu f'mohhu li jaghmel self personali lil Cecil Pace imma kellu dejjem f'mohhu illi jiddepozita flusu mal-Bank.  Jissottometti imbaghad illi l-fatt li meta sar id-depozitu dan ma kienx gie registrat bhala tali mill-Manager tal-istess Bank kien agir frawdolenti.

Issa x-xhieda f'din il-kawza quddiem l-ewwel Qorti huma limitati ghad-deposizzjoni ta' Anthony Catania impjegat bhala messaggier il-Bank li kien hajjar lill-attur u lil hutu biex jiddepozitaw il-flus, skond dawn, mal-Bank, l-attur li xehed u huh Carmelo Farrugia. L-ebda prova ohra ma ngiebet hlief ghall-original tal-kambjali li tghid kjarament u b'mod indiskuss hekk :- "On 20th July 1973, pay for this sole of exchange to the order Mr. Paul Farrugia the sum of one thousand and seventy pounds only value in cash and place it to account as per advice to C. Pace, 148, Britannia Street, Valletta." Iffirmata Cecil Pace u datata 26 ta' Dicembru 1972. Preferibbilment is-sebghin lira fil-figura jirrapprezentaw l-imghax li kellu jkun dovut fuq il-kapital ta' elf lira sad-data tal-maturita' tal-kambjala. L-ebda menzjoni ma hemm fil-kambjala tal-Bank konvenut. Kuntrarjament ghal kazijiet ohra fejn spiss jirrizulta li l-kreditu reklamat jkun gie kopert permezz ta' cekk mahrug fuq il-Bank anke jekk minn xi wiehed mill-kjamati fil-kawza personalment fejn allura l-Bank kien jiffigura anke visivament fuq id-dokument bankarju, f'dan il-kaz ma kien hemm xejn x'juri illi l-Bank konvenut kien b'xi mod involut fin-negozju li sehh fil-mument meta l-appellant ikkonsenja l-flus fizikament u materjalment lill-kjamat fil-kawza Cecil Pace – dan mhux kontestat u hu anzi accettat – u fil-mument meta in contro accambju ghal din il-konsenja ta' flus, l-istess kjamat fil-kawza Cecil Pace irrilaxxja l-kambjala in garanzija tal-pagament u tal-obbligazzjoni tieghu li jirrestitwixxi l-ammont ricevut. Stricto iure allura t-titolu tal-appellant

kellu jkun dak naxxenti minn din il-kambjala u kienet l-actio kambjarja li kellha tigi ezercitata mill-appellant qua kreditur jirrikava l-import taghha.

Fil-verita', l-attur qieghed allura jipproponi azzjoni ta' simulazzjoni da parti tal-kjamati fil-kawza in kwantu qieghed jippretendi illi dak li apparentament kien negozju li kellu jigi rizolt bil-maturita' tal-kambjala kien effettivament kuntratt ta' self li di piu' sar mhux mal-persuna li kien effettivament ircieva l-flus imma mal-Bank li tieghu dik il-persuna kienet direttur u rapprezentant. (L-appellant isostni li kien il-Manager ta' dak il-Bank. Fil-fatt kif gustament jirreleva l-istess Cecil Pace fir-risposta tal-appell tieghu hu qatt ma kien jokkupa dik il-kariga).

L-attur jipprofessa injoranza kompleta tal-implikazzjonijiet tan-negozju li ghamel bi flusu anke tramite s-servizzi ta' huh Carmelo. Kien fil-fatt dan huh illi fizikament ha l-flus tal-attur biex jaghmel in-negozju fl-ufficju tal-kjamat fil-kawza Cecil Pace fil-Bank pero' la l-attur u lanqas dan huh Carmelo, li bhalu iddepozita elf lira bl-istess manjiera, ma huma kredibbli meta jixhdu dwar il-ftehim li kien sar dwar l-imghax. Ma jaccettawx li dik kienet fil-fatt offerta ta' imghax oghla minn dak li joffri l-Bank u li kien dan li hajjarhom biex jaghmlu d-depozitu. Li kieku ma kienx hekk, din il-Qorti ma tarax ghaliex l-appellant u huh ma marrux jaghmlu n-negozju direttament fil-Bank stess over the counter billi jifthu ktieb ta' depozitu li fuqu kien jiddekorri l-imghax stabbilit bil-ligi. Din hi operazzjoni elementari li l-appellant certament ma jistax jipprofessa

injoranza taghha. Lanqas ma seta jipprovdi gustifikazzjoni ghaliex dam ma pproceda biex jikkawtela l-interessi tieghu kemm kontra l-Bank konvenut kif ukoll kontra l-ahwa Pace minnu kjamati fil-kawza personalment u dan ghall-hafna u hafna snin tant li kif sewwa rriteniet l-ewwel Qorti d-dritt ta' azzjoni tieghu kien gie estint bid-dekors tal-perjodu preskrittiv ai termini tas-subincizi D, E u F tal-artikolu 2156 tal-Kodici Civili u tal-artikolu 542 tal-Kodici tal-Kummerc.

Din il-Qorti ma tistax ma tinnotax ukoll illi fl-azzjoni kif proposta ma hemm l-ebda premessa li taddebita xi responsabbilita' personali lill-ahwa Henry u Cecil Pace ghaliex l-attur appellant ma kienx iqishom bhala debituri tieghu. Wisq anqas hemm xi addebitu ta' frodi jew agir abuziv da parti taghhom u konsegwentement ma setax issa f'dan l-istadju ta' appell javanza bhala aggravju addebitu ta' din ix-xorta. Fil-verita' x-xorta ta' azzjoni kif proposta hi wahda mill-aktar stramba. Hi azzjoni bazata fuq il-premessa illi l-attur haseb li kien qieghed jinvesti flusu f'depozitu ma' Bank meta fil-fatt qed jaccetta - ghax dan hu fatt inegabbli - illi giet rilaxxata lilu kambjala ffirmata minn Cecil Pace personalment. Ma hu allura xejn car taht liema xorta ta' azzjoni kien qieghed jipprocedi l-attur. Certament ma kienitx l-azzjoni kambjarja ghax ex admissis jinnega li qatt sar ftehim li seta' jwassal ghall-hrug ta' din il-kambjala. Lanqas kienet azzjoni bazata fuq qerq da parti tal-Bank konvenut jew tal-ahwa Pace personalment ghax dan ma giex lilhom addebitat fil-premessi ghat-talba. Lanqas kienet azzjoni bazata fuq xi

allegata simulazzjoni li kambjala li indubbjament giet emessa favur tieghu ma kienitx rejalment tirrapprezenta dak in-negozju imma negozju iehor li holoq rabta kuntrattwali ta' depozitu bejnu u bejn il-Bank konvenut. F'dan is-sens ukoll la hemm premessa u lanqas talba dikjaratorja.

Il-Qorti hi naturalment arginata fil-konsiderazzjoni taghha tal-mertu mit-termini tal-premessi u tat-talba. Premessi li l-ewwel Qorti gustament iriteniet illi ma gewx provati. Ghandu jinghad illi sal-mument meta ppropona l-prezenti istanza l-attur kien ghadu jsostni illi l-legittimu kontradittur tieghu kien il-Bank konvenut tant illi ma kienx hu illi talab il-kjamata fil-kawza tal-ahwa Pace imma kien l-istess Bank konvenut li ssuggerixxa li seta' kien il-kaz li hekk isir. F'dawn ic-cirkostanzi allura, difficilment jista' l-attur isostni illi ma kienx hemm lok ghall-estinzjoni tal-azzjoni kontra l-ahwa Pace personalment tramite l-preskrizzjon ghaliex dawn kienu hatja ta' frodi fil-konfront tieghu.

L-appell fil-mertu ma setax allura jigi sostnut. Japplika wkoll f'dan il-kaz insenjatament illi l-Qorti ta' revizjoni ma kellhiex leggerment tiddisturba l-apprezzament maghmul mill-ewwel Qorti tal-provi migjuba quddiemha. Kellha biss taghmel dan jekk ikun hemm ragunijiet gravi li jwassluha ghall-konvinciment illi dik il-Qorti ma setghatx ma kienitx zbaljata fl-apprezzament taghha. Fil-kaz taht ezami ma kienux jokkuru ragunijiet li jwasslu lil din il-Qorti ghall-konvinzjoni li jekk ma tissostitwix l-

apprezzament taghha tal-provi ghal dak li tkun ghamlet l-ewwel Qorti tkun ser tigi krejata ingustizzja manifesta. Ghall-kuntrarju hi sodisfatta illi l-ewwel Qorti, wara li semghet il-provi, kienet gustament accertata illi l-attur kien jaf sewwa x'qed jaghmel meta ghamel in-negozju ma' Cecil Pace. Kien motivat b'raguni ta' qliegh li gaghlitu jaghzel li jinnegozja mal-kjamat fil-kawza Cecil Pace personalment u mhux mal-Bank tieghu u li kien biss ghaliex ic-cirkostanzi gew kif gew li kien issa qieghed jipprova biex isalva l-kapital li hu ghazel li jirriskja li qieghed jittanta jinvolvi lill-Bank konvenut bhala debitur tieghu. "Hija prassi stabbilita u segwita minn din il-Qorti tal-Appell li fin-nuqqas ta' raguni jew ragunijiet gravi, kemm jista' jkun ma tiddisturbax dak l-apprezzament tal-provi li jkun sar mill-ewwel Qorti billi din tkun semghet il-provi hi u quddiemha jkunu gew prodotti l-istess provi tal-partijiet." (J. Walker nomine vs R. Pizzuto, deciza minn din il-Qorti fis-6 ta' Ottubru 1999 ; Frans Galea vs Albert Brincat, deciza minn din il-Qorti fil-25 ta' Frar 2000).

L-appellant ghandu aggravju iehor fir-rigward tal-kap tal-ispejjez. Hu jissottometti illi ma kienx hu li talab il-kjamata fil-kawza tal-ahwa Pace u jekk dawn jigu liberati mill-osservanza jew min minnhom jew jekk it-talbiet tal-attur jigu michuda fil-konfront taghhom jew min minnhom hu ma kellux ibati l-ispejjez taghhom. Hu minnu illi l-kjamata fil-kawza tal-ahwa Pace giet akkordata fuq talba tal-Bank konvenut kif rapprezentat il-Kontrollur tieghu. Hu minnu wkoll illi l-kjamat fil-kawza Henry Pace ma kien jiffigura assolutament xejn fil-fatti kif jirrizultaw mill-provi. Hu

fatt ukoll illi waqt it-trattazzjoni quddiem l-ewwel Qorti l-attur qatt ma nvolva lill-kjamati fil-kawza bhala legittimi kontraditturi tieghu imma kien biss il-Bank konvenut li allega illi n-negozju illi ghamel l-attur ma kienx ghamlu mieghu imma mal-kjamat fil-kawza Cecil Pace. Fil-verita' s-sentenza appellata tiggustifika l-kjamata fil-kawza ghaliex l-ewwel Qorti kienet cahdet it-talbiet attrici anke kontra l-kjamati fil-kawza abbazi li l-azzjoni kienet estinta tramite d-dekors tal-perjodu preskrittiv izda rrikonoxxiet illi se mai l-azzjoni li kellu l-attur, kieku agixxa tempestivament, kienet fil-konfront tal-kjamat fil-kawza Cecil Pace u mhux fil-konfront tal-Bank citat mill-attur. Ma jidhirx allura li hemm lok illi jkun hemm temperament fil-kap tal-ispejjez ghaliex l-eccezzjonijiet tal-Bank konvenut gew pjenament sodisfatti sal-punt li s-sentenza appellata qieset illi l-ammont reklamat bl-ebda mod ma kien passiv tal-Bank u allura l-Bank ma kienx legittimu kontradittur tal-attur. Mill-banda l-ohra l-ahwa Pace gew kjamati fil-kawza proprju biex l-azzjoni tkun tista' tipprocedi kontra min kien allegat mill-Bank li kien il-legittimu kontradittur tal-attur. F'dan l-istadju tal-appell, infatti, l-attur insista illi sussidjarjament jekk il-Bank kellu jigi mehlus minn kull addebitu, mhux l-istess kellu jigri fil-kaz tal-kjamat fil-kawza Cecil Pace li kien hati ta' qerq u frodi fil-konfront tieghu. Hu risaput illi l-kjamat fil-kawza ghandu l-istess locus standi fl-azzjoni daqs kull konvenut iehor u una volta t-talbiet attrici gew michuda anke fil-konfront tal-kjamati fil-kawza, ma kien hemm l-ebda raguni ghaliex l-ispejjez tal-kawza ma kellhomx jigu

kollha akkollati lit-tellief.  L-appell dwar il-kap tal-ispejjez qed ukoll qed jigi respint.

Ghal dawn il-motivi, l-appell qed jigi michud u s-sentenza appellata konfermata, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellant.

Dep/Reg

mg